

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11) ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li jiġi konkluż kuntratt ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili dwar il-moviment ta' vetturi bil-mutur ikopri wkoll is-sitwazzjoni fejn awtorità lokali — id-distrett — akkwistat, skont deċiżjoni tal-qorti, il-proprjetà ta' vettura li ma tistax tinstaq u li tinsab fuq art privata, jiġifieri parkeġġ mgħasseh mhux fit-triq prinċipali pubblika, u li, minħabba d-deċiżjoni tad-detentur tagħha, hija ddestinata li tinqed?
- 2) Jew għandu jiġi interpretat fis-sens li, ftali ċirkustanzi, l-awtorità lokali, bħala l-proprjetarja tal-vettura, ma hijiex marbuta li jkollha assigurazzjoni tagħha, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà li għandu l-fond [ta' garanzija] lejn terzi ppreġudikati?

⁽¹⁾ ĠU 2009, L 263, p. 11.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fil-21 ta' Mejju 2019 — “Unipack” AD vs Direktor na Teritorialna direktsiya “Dunavska” kam Agentsiya “Mitnitsi”, Prokuror ot Varhovna administrativna prokuratura na Republika Bulgaria

(Kawża C-391/19)

(2019/C 280/32)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Varhoven administrativen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “Unipack” AD

Konvenuti: Direktor na Teritorialna direktsiya “Dunavska” kam Agentsiya “Mitnitsi”, Prokuror ot Varhovna administrativna prokuratura na Republika Bulgaria

Domanda preliminari

Iċ-ċirkustanzi segwenti għandhom jitqiesu bħala ċirkustanzi eċċezzjonali, fis-sens tal-Artikolu 172(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, li jiġġustifikaw l-għoti, taħt l-Artikolu 211(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-“Kodiċi”) ⁽²⁾, ta' awtorizzazzjoni retroattiva għall-applikazzjoni, taħt l-Artikolu 254 tal-Kodiċi, tal-proċedura ta' użu aħħari għal importazzjoni ta' merkanzija mwettqa qabel it-tressiq tat-talba għall-awtorizzazzjoni għall-applikazzjoni ta' din il-proċedura: l-ewwel nett, id-deċiżjoni b'informazzjoni tariffarja vinkolanti fir-rigward ta' din il-merkanzija, mogħtija lid-detentur tal-proċedura, ma baqgħetx valida minħabba l-emendi introdotti fin-Nomenklatura Magħquda; it-tieni nett, matul perijodu (ta' madwar 10 xhur) bejn il-mument li fih ma baqgħetx valida l-imsemmija deċiżjoni u l-importazzjoni li fir-rigward tagħha ntalbet il-proċedura ta' użu aħħari, kienu twettqu diversi (speċifikament, disgħa) importazzjonijiet ta' merkanzija mingħajr ma l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda ddikjarat ma ġie kkorreġut mill-awtoritajiet doganali u, it-tielet nett, il-merkanzija ntużat għal skop eżentat mid-dazju antidumping?

⁽¹⁾ ĠU 2015, L 349, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35, fil-ĠU 2017, L 101, p. 164, u fil-ĠU 2018, L 75, p. 41.

⁽²⁾ ĠU 2013, L 269, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2.